# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)

***Drogi 276/00***

***Pulizija***
***Sp. Neil Harrison***
***v***
***Giuseppe Armany***

Illum 28 ta' Settembru 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq ir-reati ta' Pussess Illegali tad-droga u traffikar tal-istess – rifferibilment ghal-31 ta' Marzu u 1 ta' April 2000 u fl-ahhar xhur qabel din id-data.

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu.

Illi l-prosekuzzjoni nfurmat il-qorti permezz ta' verbal il-fatt li l-imputat ta nformazzjoni lill-pulizija li ghenithom sostenzjalment fl-investigazzjonijiet taghhom dwar id-droga, u certament fil-fehema taghha ghandu jibbenefika mid-dispost ta' l-artiklu 29 Kap 101.

In propositu ghall-piena il-qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti fatturi:

1. Il-**fedina penali netta** ta' l-imputat

2. L-**ghajnuna sostanzjali** li ta l-Pulizija

3. Li l-**ammissjoni fi stadju inizzjali** tal-process da parti ta' l-imputat.

Ghal dawn il-mottivi tiddeciedi billi issib l-imputat hati skond l-akkuzi u wara li rat l-Artiklu 17 Kap 9 ir-regolament 8 tal-GN 292/1939 l-artiklu 8 u l-artiklu 22(2) (b) (i) u l-artiklu 29 tal- kap 101 u ir-regolament 10 (2) tal-AL22/1985 tikkundannah ghall-piena ta' xahar prigunerija u multa ta' Lm200.

In fine tordna id-distruzzjoni tad-dok D.

**Dr. Noel Cuschieri**

**Magistrat**